MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 52/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***... Omissis ...***
**John Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Borg (u ohrajn) talli f'dawn l-ahhar xhur naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija, ta' liema ordni hemm annessa kopja bhala formanti parti fuq ic-citazzjoni, biex inehhi l-periklu u jsewwi l-hsara li hemm fil-post numru 82, Triq il-Kbira Naxxar, proprjeta` tieghu jew amministrata minnu, u b'hekk hu m'obdiex ordni legittima.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jnehhu l-inkonvenjent, jesegwixxu l-ligi u cioe` jaghmlu t-tiswijiet fi zmien sufficjenti moghti lilhom taht penali ta’ mhux inqas minn zewg liri (Lm2) ghal kull gurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Marzu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Borg hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal twiddiba u ordnatlu li jnehhi l-periklu fil-post 82, Triq il, Naxxar fi zmien gimaghtejn mid-data ta’ dik is-sentenza taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Borg ipprezentat fis-7 ta’ Marzu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull akkuza dedotta kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: li ma ngabet ebda prova mill-prosekuzzjoni li huwa wiehed mis-sidien u li huwa ma nghata ebda ordni biex isewwi. Din il-Qorti jidhrilha opportun li tissofferma fuq it-tieni aggravju.

L-appellant isostni li l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu ma setghet tirrizulta qatt ghax fil-fatt ma nghata l-ebda ordni mill-Pulizija biex jaghmel it-tiswijiet mehtiega fil-fond fuq imsemmi. Jghid li l-aqwa prova, u cioe` d-dokument ta’ l-ordni allegatament moghti lilu, anqas biss gie esebit fl-atti. Skond l-appellant, il-prova li nghatat ordni hija l-pern ta’ l-imputazzjoni in kwistjoni u ghalhekk, la darba tali prova hija nieqsa, l-imputazzjoni ma setghetx tirrizulta.

Bhala prova li l-appellant inghata tali ordni bil-miktub, il-prosekuzzjoni esebiet permezz ta' P.S. 226 Paul Bonanno riferta (a fol. 18) li fuqha fil-kolonna ntestata "Data tal-kawza" hemm miktub "Damage at 82 Main Str Naxxar to be removed within 21 days" u fuq l-istess riferta hemm imnizzel "Tajtha lilu stess fil-post imsemmi" u bl-indikazzjoni tal-pulizija notifikant bhala PC 917. Ghalhekk *prima facie* jidher li l-appellant gie notifikat bl-ordni in kwistjoni. Izda fic-citazzjoni naqraw li l-appellant gie akkuzat li naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija "ta' liema ordni hawn annessa kopja bhala formanti parti fuq din ic-citazzjoni" meta mac-citazzjoni ma hemm l-ebda kopja annessa. Konsegwentement, u anke peress li din ma giet esebita mill-prosekuzzjoni fl-ebda stadju, hemm mankanti indikazzjoni u prova dwar in-natura ta' l-ordni li suppost giet notifikata lill-appellant, u ghalhekk dubbju dwar jekk inghatatx ordni kif previst mil-ligi.

Ghal kull bwon fini jigi osservat li quddiem din il-Qorti xehed John Calleja, wiehed mis-sidien, li qal li t-tiswijiet necessarji saru.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------